IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.7.2025
COM(2025) 408 final

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar żona sanitarja u fitosanitarja komuni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit fir-rigward tal-Gran Brittanja u biex jiġu kollegati s-sistemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. 1. KUNTEST TAR-RAKKOMANDAZZJONI

1.1. Raġunijiet u objettivi tar-rakkomandazzjoni

Fl-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") ħareġ mill-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni") u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom). Ir-relazzjoni hija rregolata minn żewġ ftehimiet:

– Il-Ftehim dwar il-Ħruġ[1]. Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq – issa msejjaħ il-Qafas ta' Windsor[2], jifforma parti integrali mill-Ftehim dwar il-Ħruġ.

– Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni[3].

Fid-19 ta' Mejju 2025, l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit kellhom l-ewwel summit tagħhom u adottaw Dikjarazzjoni Konġunta, fejn affermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom għall-implimentazzjoni sħiħa, f'waqtha u leali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, inkluż il-Qafas ta' Windsor, u l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Huma laqgħu aġenda mġedda għall-kooperazzjoni UE-Renju Unit – Ftehim Komuni[4], bi ftehim bejn ir-Renju Unit u l-Kummissjoni Ewropea.

Il-Ftehim Komuni kien ir-riżultat ta' taħditiet esploratorji, u jistabbilixxi l-qbil politiku ta' sensiela ta' parametri sottostanti għal ħidma futura dwar ftehimiet għal żona sanitarja u fitosanitarja komuni u dwar il-konnessjoni tas-sistemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, filwaqt li fl-istess ħin ifakkar li ż-żewġ naħat se jimpenjaw ruħhom li jiksbu malajr tali impenji f'konformità mal-proċeduri u l-oqfsa legali rispettivi.

(a) Żona Sanitarja u Fitosanitarja Komuni

Mill-1 ta' Jannar 2021, l-Unjoni u r-Renju Unit huma żewġ żoni sanitarji u fitosanitarji separati, b'leġiżlazzjoni u politiki separati, ħlief għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq fejn ir-regoli sanitarji u fitosanitarji tal-Unjoni japplikaw bis-saħħa tal-Qafas ta' Windsor.

L-Unjoni applikat ir-regoli tal-acquis sanitarju u fitosanitarju tagħha, kif ukoll l-acquis rilevanti dwar l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni u rekwiżiti oħra, inklużi dispożizzjonijiet dwar iċ-ċertifikazzjoni, il-kontrolli u r-rekwiżiti sostantivi, applikabbli għall-movimenti minn/lejn pajjiżi terzi, fir-rigward tal-Gran Brittanja mill-1 ta' Jannar 2021. Dawn il-kontrolli jinkludu b'mod partikolari kontrolli dokumentarji, tal-identità u fiżiċi biex jiġi żgurat li l-oġġetti jkunu jikkonformaw mal-istandards tas-saħħa, tas-sikurezza u tal-kwalità tal-Unjoni. Diversi drabi, ir-Renju Unit iddiferixxa l-implimentazzjoni ta' kontrolli sħaħ fil-fruntieri fuq oġġetti deħlin mill-Unjoni. F'Jannar 2024, beda japplika miżuri fuq l-importazzjonijiet mill-Unjoni, liema miżuri kienu jinkludu verifiki u ċertifikazzjonijiet sanitarji u fitosanitarji, notifika minn qabel tal-importazzjonijiet u kontrolli dokumentarji, tal-identità u fiżiċi fil-fruntiera, kif ukoll tariffi sinifikanti għall-ispezzjoni. Tħabbru wkoll verifiki u kontrolli

---

1 Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7) ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ").

2 Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023, (ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87).

3 Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10–2539) ("Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni").

4 A renewed agenda for European Union – United Kingdom cooperation Common Understanding, https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/statement_25_1267

addizzjonali iżda dawn reġgħu ġew posposti. B'mod partikolari, fit-2 ta' Ġunju 2025, il-gvern tar-Renju Unit ħabbar li l-kontrolli tal-frott u l-ħaxix b'riskju medju se jiġu posposti sa Jannar 2027 fid-dawl tal-impenn meħud matul is-Summit tad-19 ta' Mejju 2025 bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit. Bl-istess mod, ir-Renju Unit ippospona sal-1 ta' Frar 2027 l-introduzzjoni ta' rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni u verifiki fir-rigward tal-istandards organiċi u tal-kummerċjalizzazzjoni.

Żona sanitarja u fitosanitarja komuni bejn l-Unjoni u r-Renju Unit tiffaċilita l-kummerċ fi prodotti soġġetti għal regoli sanitarji u fitosanitarji jew regoli rilevanti oħra msemmija hawn fuq. Din tista' twassal biex il-maġġoranza l-kbira tal-movimenti ta' annimali, prodotti tal-annimali, pjanti u prodotti tal-pjanti bejn il-Gran Brittanja u l-Unjoni jsiru mingħajr iċ-ċertifikati jew il-kontrolli li bħalissa huma meħtieġa jew mistennija. Se jkollha tiżgura li la jiġi kompromess is-suq intern tal-Unjoni, la l-approċċ komprensiv tagħha għar-riskji sanitarji u fitosanitarji u lanqas l-istandards tal-ikel. Il-ftehim ikollu jiżgura livell għoli ta' protezzjoni kontra riskji sanitarji u fitosanitarji kif ukoll protezzjoni xierqa tal-konsumatur fl-Unjoni u fir-Renju Unit.

(b) Kollegament tas-sistemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tar-Renju Unit u l-Unjoni

Mill-1 ta' Jannar 2021, l-Unjoni u r-Renju Unit ilhom joperaw sistemi separati għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, ħlief għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, fejn is-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tapplika sa fejn din tkun relatata mas-swieq tal-elettriku bl-ingrossa f'konformità mal-Artikolu 9 u l-Anness 4 tal-Qafas ta' Windsor.

Is-sistemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u tar-Renju Unit għandhom ħafna karatteristiċi komuni. Madankollu, iż-żewġ skemi bdew jiddevjaw mill-2021, pereżempju fir-rigward tal-ambitu tagħhom (pereż., mill-2024 is-sistema tal-Unjoni għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tkopri t-trasport domestiku u internazzjonali marittimu u għandha ambitu akbar fir-rigward tal-avjazzjoni internazzjonali) u l-livell ta' kwoti. Dawn id-diverġenzi jikkontribwixxu għal prezzijiet tal-karbonju differenti fl-Unjoni u fir-Renju Unit.

Il-kollegament tal-iskemi tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tar-Renju Unit u tal-Unjoni jkun iservi l-objettivi ta' sostenibbiltà taż-żewġ partijiet. Javvanza l-kundizzjonijiet ekwi bejn l-Unjoni u r-Renju Unit u jnaqqas ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Barra minn hekk, dan iżid iċ-ċertezza fil-formazzjoni tal-prezzijiet tal-karbonju, iżid il-likwidità tas-swieq tal-karbonju, u jneħħi l-ħtieġa għall-applikazzjoni tal-mekkaniżmita' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri tal-partijiet rispettivi għall-prodotti li joriġinaw mill-parti l-oħra.

1.2. Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat

Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni

Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni fih dispożizzjonijiet fir-rigward kemm tal-miżuri sanitarji kif ukoll dawk fitosanitarji u l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

Rigward il-miżuri sanitarji u fitosanitarji, dawn id-dispożizzjonijiet jibnu fuq żewġ żoni sanitarji u fitosanitarji separati. Abbażi ta' din il-premessa, il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprevedi kooperazzjoni sabiex jiġu protetti l-ħajja jew is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti; ikompli jgħin fl-implimentazzjoni tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Applikazzjoni ta' Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji; jiżgura li l-miżuri sanitarji u fitosanitarji ma joħolqux ostakli bla bżonn għall-kummerċ; jippromwovi trasparenza u fehim akbar ta' tali

miżuri; isaħħaħ il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi, fil-promozzjoni ta' sistemi tal-ikel sostenibbli, fil-protezzjoni tat-trattament xieraq tal-annimali u fiċ-ċertifikazzjoni elettronika; isaħħaħ il-kooperazzjoni fl-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti biex jiżviluppaw standards, linji gwida u rakkomandazzjonijiet internazzjonali dwar is-saħħa tal-annimali, is-sikurezza tal-ikel u s-saħħa tal-pjanti, kif ukoll jippromwovu l-implimentazzjoni tagħhom. Fir-rigward tal-prodotti organiċi, il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, b'mod partikolari l-Anness 14 tiegħu, jistabbilixxi rikonoxximent reċiproku tal-ekwivalenza tar-regoli organiċi tal-UE u tar-Renju Unit.

Fir-rigward tal-kollegament tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tar-Renju Unit u tal-Unjoni, l-Artikolu 392(6) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprevedi li l-Unjoni u r-Renju Unit għandhom iqisu serjament li jorbtu s-sistemi tal-ipprezzar tal-karbonju rispettivi tagħhom b'mod li jippreserva l-integrità ta' dawn is-sistemi u jipprevedi l-possibbiltà li tiżdied l-effettività tagħhom.

Il-ftehimiet il-ġodda għandhom (i) jiggarantixxu allinjament dinamiku mar-regoli rilevanti kollha tal-Unjoni Ewropea, (ii) jiżguraw interpretazzjoni uniformi, (iii) jinkludu mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim bi tribunal tal-arbitraġġ indipendenti bbażat fuq il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bi rwol għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea bħala l-awtorità aħħarija għall-kwistjonijiet kollha tad-dritt tal-UE; u (iv) jinkludu mekkaniżmu robust biex tiġi żgurata l-konformità mad-deċiżjonijiet tat-tribunal tal-arbitraġġ, pereżempju permezz tal-possibbiltà li jiġu adottati miżuri xierqa biex jiġu protetti l-interessi tal-Unjoni u l-possibbiltà ta' ritaljazzjoni inkroċjata bejn il-ftehimiet il-ġodda u bejn dawn u l-oqsma koperti mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

Għandhom jiżguraw li: (i) isir użu xieraq mill-istrutturi ta' governanza tal-ftehimiet eżistenti, b'mod partikolari l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, u (ii) li l-klawżola ta' salvagwardja tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (l-Artikolu 773 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni) tkun tapplika għall-ftehimiet il-ġodda.

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ inkluż il-Qafas ta' Windsor

Bil-Qafas ta' Windsor, issir awtomatikament applikabbli għar-Renju Unit u fit-territorju tiegħu ġabra ta' dispożizzjoniiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, sabiex tiġi evitata fruntiera fiżika fuq il-gżira tal-Irlanda. Il-Qafas ta' Windsor se jkompli japplika kemmfir-rigward tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji kif ukoll tas-Suq Uniku tal-Elettriku.

Għalhekk, iż-żewġ ftehimiet previsti dwar żona sanitarja u fitosanitarja komuni u dwar il-konnessjoni tas-sistemi tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra se japplikaw b'mod parallel u mingħajr preġudizzju għall-Qafas ta' Windsor, kif spjegat hawn taħt.

(a) Fir-rigward tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji:

– L-acquis rilevanti tal-Unjoni jibqa' japplika għar-Renju Unit u fit-territorju tiegħu fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq bis-saħħa tal- Qafas ta' Windsor, u b'mod partikolari l-Artikoli 5(4) u 13(1) u (3) tiegħu moqrija flimkien mal-partijiet rilevanti tal-Anness 2;

– l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni, is-superviżjoni u l-infurzar tal-acquis tal-Unjoni applikabbli għar-Renju Unit u fit-territorju tiegħu fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq kif stabbilit fl-Artikolu 12 tal-Qafas ta' Windsor ikomplu japplikaw.

Wara l-konklużjoni ta' ftehim bejn UE-Renju Unit dwar żona sanitarja u fitosanitarja komuni u sakemm ikun hemm konformità sħiħa ma' tali ftehim, l-intenzjoni hija li jiġi żgurat li l-istess benefiċċji tal-ftehim jiġu estiżi għall-aspetti sanitarji u fitosanitarji tal-movimenti tal-

merkanzija lejn l-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit, permezz tal-interazzjonijiet bejn tali ftehim u l-Qafas ta' Windsor.

Dan ikun ifisser li l-maġġoranza l-kbira tal-movimenti tal-annimali, tal-prodotti tal-annimali, tal-pjanti u tal-prodotti tal-pjanti bejn il-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, jitwettqu mingħajr iċ-ċertifikati jew il-kontrolli li bħalissa huma meħtieġa jew mistennija. Barra minn hekk, rekwiżiti bħat-tikkettar "mhux għall-UE" għal ikel agrikolu bl-imnut speċifiku se jitneħħew peress li kemm l-UE kif ukoll ir-Renju Unit ikunu soġġetti għall-istess regoli u standards SPS u d-destinazzjoni jew il-konsum ta' dawk l-oġġetti ma jibqgħux limitati għall-Irlanda ta' Fuq mingħajr moviment ulterjuri lejn l-UE.

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se tipproponi li jinbdew il-proċeduri meħtieġa sabiex iżżid l-att(i) rilevanti tal-Unjoni li jikkonċerna/w il-ftehim UE-Renju Unit dwar żona sanitarja u fitorsanitarja komuni mal-anness rilevanti tal-Qafas ta' Windsor, kif ukoll li tressaq emendi mmirati għal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni applikabbli għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Dawn tal-aħħar jistgħu jinkludu i) elementi li jappartjenu għall-estensjoni tal-benefiċċji tal-ftehim futur għall-movimenti ta' merkanzija bejn il-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u s-salvagwardji korrispondenti, u ii) dispożizzjonijiet li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet biex il-faċilitazzjonijiet sanitarji u fitosanitarji eżistenti skont il-Qafas ta' Windsor jinżammu kompletament jew parzjalment, fejn ikun utli. Il-kontenut ta' dawk l-emendi, inklużi l-miżuri ta' salvagwardja xierqa, jista' jiġi stabbilit biss ladarba jitlestew in-negozjati għal ftehim UE-Renju Unit dwar żona sanitarja u fitosanitarja komuni, u jkunu magħrufa l-kamp ta' applikazzjoni u l-kontenut eżatti tal-ftehim previst.

(b) Fir-rigward tal-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra tar-Renju Unit u tal-Unjoni:

Il-ftehim biex is-sistema għall-skambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-Unjoni tiġi kollegata mas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tar-Renju Unit għandu japplika għall-Unjoni u għar-Renju Unit. Fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq għas-swieq tal-elettriku bl-ingrossa, l-arranġamenti prevsiti fl-Artikolu 9 u fl-Anness 4 tal-Qafas ta' Windsor se jibqgħu japplikaw.

1.3. Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Benefiċċji ta' Kundizzjonijiet Ekwi

Iż-żewġ ftehimiet jiżguraw li jkun hemm kundizzjonijiet ekwi fis-seħħ għall-operaturi fl-Unjoni Ewropea u fir-Renju Unit. Il-ftehim dwar żona sanitarja u fitosanitarja komuni jiżgura standards komuni u allinjament regolatorju mar-regoli tal-Unjoni. Fil-każ tan-negozjar tal-emissjonijiet, il-ftehim biex l-iskemi ta' negozjar ta' kwoti tal-emissjonijiet bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni jiġu kollegati jiżgura tal-anqas l-istess ambizzjoni ta' dekarbonazzjoni, filwaqt li jnaqqas ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u d-distorzjoni tal-kompetizzjoni, iżda wkoll jiżgura l-istess ambitu (minbarra t-tisħin individwali tal-akkomodazzjoni) u allinjament regolatorju mar-regoli tal-Unjoni rilevanti.

Il-Ftehim li jikkollega l-iskedi ta' skambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(6) tar-Regolament (UE) 2023/956 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri ("ir-Regolament CBAM") Riżultat ta' dan, ladarba l-ftehim ikun fis-seħħ, ir-Regolament CBAM ma japplikax għal merkanzija li toriġina mir-Renju Unit. Bl-istess mod, ir-Renju Unit ma japplikax is-CBAM tiegħu stess għal merkanzija li toriġina mill-Unjoni.

Benefiċċji Kummerċjali Bilaterali

Il-ftehim dwar żona sanitarja u fitosanitarju komuni se jiffaċilita l-kummerċ billi jelimina l-ħtieġa għal ċertifikazzjoni u kontrolli sistematiċi fil-fruntieri fuq prodotti u standards koperti mill-ftehim, filwaqt li jżomm standards għoljin ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika, tal-annimali u tal-pjanti kif ukoll standards tal-ikel.

Benefiċċji għas-Sostenibbiltà u l-Klima

L-iskeda ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni hija pedament tal-politika tagħha dwar il-klima, imfassla biex tnaqqas b'mod kosteffettiv l-emissjonijiet tal-gassijiet serra f'firxa ta' attivitajiet. F'konformità mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas", is-sistema għall-iskambju ta' kwoti tistabbilixxi limitu u tpoġġi prezz tal-karbonju fuq l-emissjonijiet mis-setturi tal-enerġija u tal-industrija, l-avjazzjoni, kif ukoll it-trasport marittimu, li huma responsabbli għal madwar 40 % tal-emissjonijiet totali tal-Unjoni. Is-sistema tuża l-forzi tas-suq biex tiddetermina l-prezz tal-karbonju, u dan joħloq inċentivi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet fejn ikun l-aktar kosteffettiv. Il-prezzijiet tal-karbonju jsawru wkoll id-dħul li hu investit fl-azzjoni dwar il-klima u fit-tranżizzjoni tal-enerġija.

Il-ftehim li jgħaqqad l-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tar-Renju Unit u tal-Unjoni jippermetti lill-UE tisfrutta dawn il-benefiċċji f'kuntest bilaterali u tappoġġa l-iżvilupp ta' suq internazzjonali tal-karbonju li jiffunzjona tajjeb permezz tal-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Dan huwa l-għan fit-tul tal-Unjoni, b'mod partikolari bħala mezz biex jintlaħqu l-objettivi adottati f'Diċembru 2015 fl-ambitu tal-Ftehim ta' Pariġi.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

2.1. Bażi legali proċedurali

L-Artikolu 218(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi li, meta l-ftehim inkwistjoni ma jkunx jikkonċerna esklużivament jew prinċipalment il-politika estera u ta' sigurtà komuni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill. Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati u li tinnomina n-negozjatur tal-Unjoni jew il-kap tat-tim tan-negozjati tal-Unjoni.

L-Artikolu 218(4) jipprevedi li l-Kunsill jista' jindirizza direttivi ta' negozjati lin-negozjatur u jaħtar kumitat speċjali biex jikkonsulta lin-negozjatur.

Il-Kummissjoni tirrakkomanda li jinfetħu negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit għal żewġ ftehimiet internazzjonali, wieħed li jikkonċerna żona sanitarja u fitosanitarja komuni u ftehim ieħor li jikkonċerna l-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tiġi nnominata bħala negozjatur.

Il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati taż-żewġ ftehimiet previsti hija l-Artikolu 218(3) u (4) tat-TFUE.

2.2. Bażi legali sostantiva

Din il-proposta tikkonċerna n-negozjar ta' żewġ ftehimiet differenti li se jaqgħu taħt żewġ bażijiet legali sostantivi differenti.

F'konformità mal-Opinjoni 1/94[5] u l-Opinjoni 2/15[6] tal-QĠUE, il-ftehimiet ma' pajjiżi terzi li jinvolvu kwistjonijiet sanitarji u fitosanitarji huma parti mill-Politika Kummerċjali Komuni skont l-Artikolu 207 tat-TFUE. Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva ta' ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju Unit dwar żona sanitarja u fitosanitarja komuni għandha tkun l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tat-TFUE.

Il-ftehim dwar il-kollegament bejn ir-Renju Unit u l-iskemi ta' kwoti tal-emissjonijiet għandu jitwettaq fuq il-bażi tal-Artikolu 192(1) TFUE.

2.3. Kompetenza tal-Unjoni

Hekk kif il-bażi legali għal ftehim dwar żona sanitarja u fitosanitarja komuni taqa' taħt il-Politika Kummerċjali Komuni; l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva biex tikkonkludi dak il-ftehim f'konformità mal-Artikolu 3(1) TFUE.

L-Unjoni għandha wkoll kompetenza esklużiva biex tikkonkludi l-ftehim dwar il-kollegament tas-sistemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet f'konformità mal-Artikolu 3(2) TFUE.

2.4. Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Skont l-Artikolu 5(3) tat-TUE, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax fl-oqsma tal-kompetenza esklużiva tal-UE.

2.5. L-għażla tan-negozjatur

Peress li l-ftehimiet previsti jkopru esklużivament kwistjonijiet oħra għajr il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, il-Kummissjoni jeħtiġilha tinħatar bħala n-negozjatur skont l-Artikolu 218(3) tat-TFUE.

2.6. Proporzjonalità

L-azzjoni tal-Unjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu l-objettivi ta' politika li tinħoloq żona sanitarja u fitosanitarja komuni u li tgħaqqad is-sistemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tar-Renu Unit u tal-Unjoni.

2.7. Għażla tal-istrument

Din ir-Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill qed titressaq f'konformità mal-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 218 TFUE, li jipprevedu l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati u n-nomina tan-negozjatur tal-Unjoni. Il-Kunsill jista' jindirizza wkoll id-direttivi ta' negozjati lin-negozjatur. Ma jeżisti l-ebda strument legali ieħor li jista' jintuża sabiex jintlaħaq l-objettiv espress f'din ir-rakkomandazzjoni.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

M/A

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-ftehimiet għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li jiżguraw li r-Renju Unit jikkontribwixxi finanzjarjament għall-appoġġ tal-ħidma tal-Unjoni f'dawn l-oqsma ta' politika.

---

[5] Opinjoni tal-Qorti tal-15 ta' Novembru 1994, l-opinjoni 1/94, ir-Rapporti tal-Qorti Ewropea 1994 I-05267.

[6] Opinjoni tal-Qorti tas-16 ta' Mejju 2017, l-opinjoni 2/15, *ĠU C 239, 24.7.2017, p. 3–3*

5. ELEMENTI OĦRA

5.1. Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-rakkomandazzjoni

B'din ir-rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea tistieden lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehimiet bejn l-Unjoni u r-Renju Unit dwar it-twaqqif ta' żona sanitarja u fitosanitarja komuni u dwar il-kollegament tas-sistemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom, jinnomina lill-Kummissjoni Ewropea bħala n-negozjatur tal-Unjoni u jindirizza direttivi lin-negozjatur u lill-kumitati nominati li f'konsultazzjoni magħhom iridu jitwettqu n-negozjati.

Elementi komuni għaż-żewġ ftehimiet:

1. Iż-żewġ ftehimiet għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-Unjoni u s-sistemi rispettivi tiegħu.

2. L-ebda ftehim ma għandu jagħti lir-Renju Unit id-dritt li jipparteċipa fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni. Madankollu, ir-Renju Unit għandu jkun involut fi stadju bikri u jikkontribwixxi b'mod xieraq għal pajjiż li mhuwiex membru tal-Unjoni Ewropea għall-proċess tat-tfassil tad-deċiżjonijiet tal-atti legali tal-Unjoni Ewropea fl-oqsma koperti mill-obbligu li jallinja b'mod dinamiku u japplika simultanjament. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tikkonsulta lir-Renju Unit fi stadju bikri tat-tfassil tal-politika. Dawn id-drittijiet ma jestendux għall-parteċipazzjoni fil-ħidma tal-Kunsill jew tal-korpi preparatorji tiegħu.

3. Iż-żewġ ftehimiet jenħtieġ li jipprevedu obbligu għar-Renju Unit li jallinja ruħu b'mod dinamiku mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni. Il-prinċipju ta' allinjament dinamiku għandu jiżgura li regoli identiċi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim jiġu applikati simultanjament.

4. Iż-żewġ ftehimiet għandhom jiżguraw interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni abbażi tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea; b'mod partikolari, l-interpretazzjoni mogħtija lir-regoli applikabbli fl-Unjoni għandha tapplika wkoll fil-kuntest tar-relazzjonijiet bejn il-Partijiet.

5. Iż-żewġ ftehimiet għandhom jinkludu mekkaniżmi effettivi għas-soluzzjoni tat-tilwim li jinvolvu tribunal tal-arbitraġġ indipendenti u jiżguraw li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tkun l-awtorità aħħarija għall-kwistjonijiet kollha tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, b'possibbiltajiet għal miżuri xierqa biex jipproteġu l-interessi tal-Unjoni f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-ftehimiet.

6. Il-ftehimiet għandhom jiżguraw li l-istruttura tal-kumitat istituzzjonali tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni tintuża għall-amministrazzjoni tal-ftehimiet il-ġodda.

7. Il-ftehimiet għandhom jinkludu dispożizzjonijiet biex jiġi żgurat li r-ritaljazzjoni inkroċjata bejn il-ftehimiet il-ġodda u l-oqsma koperti mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni tibqa' possibbli kif previst fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

8. Il-ftehimiet għandhom jiżguraw li tapplika l-klawżola dwar il-Miżuri ta' Salvagwardja tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (l-Artikolu 773 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni).

9. Ir-Renju Unit għandu jikkontribwixxi finanzjarjament biex jappoġġa l-kostijiet rilevanti assoċjati mal-ħidma tal-Unjoni f'dawn l-oqsma ta' politika.

Elementi ewlenin rigward il-ftehim dwar żona sanitarja u fitosanitarja komuni:

10. Il-ftehim previst għandu jistabbilixxi żona sanitarja u fitosanitarja komuni bejn l-Unjoni u r-Renju Unit fir-rigward tal-Gran Brittanja. B'riżultat ta' dan, l-annimali, il-pjanti, il-prodotti tal-ikel/tal-għalf li joriġinaw mill-annimali jew mill-pjanti kif ukoll il-prodotti relatati koperti mir-regolamenti inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim, u fir-rigward tal-istandards koperti mill-ftehim, jiċċaqilqu bejn l-Unjoni u r-Renju Unit fir-rigward tal-Gran Brittanja daqslikieku ċċaqalqu fl-Unjoni.

11. Il-kamp ta' applikazzjoni għandu jkopri r-regoli sanitarji, fitosanitarji, tas-sikurezza tal-ikel u tal-protezzjoni ġenerali tal-konsumatur applikabbli għall-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum tal-prodotti agroalimentari, ir-regolamentazzjoni tal-annimali ħajjin u l-pestiċidi, ir-regoli dwar il-produzzjoni organika u t-tikettar tal-prodotti organiċi kif ukoll l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni applikabbli għal ċerti setturi jew prodotti.

12. Il-prinċipju ta' allinjament dinamiku msemmi hawn fuq għandu jiżgura li regoli identiċi f'dan il-kamp ta' applikazzjoni jiġu applikati għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Gran Brittanja u fl-Unjoni sabiex tinħoloq żona sanitarja u fitosanitarja komuni. Minbarra dan il-prinċipju, il-ftehim għandu jipprevedi l-applikazzjoni simultanja, għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Gran Brittanja, ta' dawn ir-regoli kollha.

13. Barra minn hekk, il-ftehim għandu jipprevedi li ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, inklużi miżuri ta' emerġenza u dawk applikabbli għad-dħul ta' annimali, pjanti, prodotti tal-ikel/għalf li joriġinaw mill-annimali jew mill-pjanti kif ukoll prodotti relatati, fl-Unjoni mill-bqija tad-dinja jkunu applikabbli minnufih għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Gran Brittanja.

14. Il-ftehim għandu jipprovdi l-istess possibbiltajiet għar-Renju Unit biex jieħu azzjoni mmirata biex jipproteġi l-bijosigurtà u s-saħħa pubblika tiegħu bħal dawk offruti lill-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-ftehim jista' jinkludi lista qasira ta' eċċezzjonijiet limitati għall-prinċipji tal-allinjament dinamiku u l-applikazzjoni simultanja. Eċċezzjoni għandha tiġi miftiehma biss jekk: (i) din ma tkunx twassal għall-applikazzjoni ta' standards aktar baxxi fir-Renju Unit fir-rigward tal-Gran Brittanja meta mqabbla ma' dawk stabbiliti fir-regoli rilevanti tal-Unjoni; (ii) ma tkunx tista tiġi invokata biex tirrestrinġi jew taffettwa b'xi mod negattiv ieħor id-dħul fit-territorju tar-Renju Unit ta' annimali, pjanti u oġġetti li joriġinaw mill-Unjoni li jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni; (iii) tkun tirrispetta l-prinċipju li annimali, pjanti u oġġetti li jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni biss jistgħu jidħlu fl-Unjoni.

<u>Elementi ewlenin rigward il-ftehim li jgħaqqad ir-Renju Unit u l-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Unjoni:</u>

15. Il-ftehim għandu jorbot l-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Unjoni u tar-Renju Unit, filwaqt li jiżgura r-rikonoxximent reċiproku tal-kwoti tal-emissjonijiet.

16. Il-Ftehim għandu jiżgura li l-ebda parti ma tapplika l-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera tagħha għal merkanzija importata li toriġina mill-parti l-oħra, dment li tikkonforma mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE.

17. Is-setturi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim għandhom jinkludu, fost l-oħrajn: il-ġenerazzjoni tal-elettriku, il-ġenerazzjoni tas-sħana industrijali (minbarra t-tisħin individwali tad-djar), l-industrija, it-trasport marittimu domestiku u internazzjonali u l-avjazzjoni domestika u internazzjonali u f'dan il-kamp ta'

applikazzjoni, il-ftehim għandu jiżgura l-allinjament dinamiku tar-Renju Unit mar-regoli rilevanti tal-Unjoni. Il-Ftehim għandu jipprevedi proċedura biex tkompli tespandi l-lista ta' setturi li għandhom jiġu koperti.

18. Il-Ftehim għandu jirrikjedi li r-Renju Unit jallinja ruħu b'mod dinamiku mal-acquis rilevanti, b'mod partikolari d-Direttiva 2003/87/KE u l-leġiżlazzjoni derivata.

19. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-allinjament dinamiku għandu jinkludi wkoll id-dispożizzjonijiet kollha tal-qafas regolatorju u superviżorju finanzjarju tal-UE applikabbli għan-negozjar tal-kwoti tas-sistema tal-Unjoni għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (EU ETS) u d-derivattivi tagħha.

20. Il-ftehim għandu jiddefinixxi l-perkors tal-limitu massimu u tat-tnaqqis tar-Renju Unit, li għandu jkun ambizzjuż mill-inqas daqs il-limitu massimu tal-Unjoni Ewropea u l-perkors ta' tnaqqis segwit mill-Unjoni.

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar żona sanitarja u fitosanitarja komuni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit fir-rigward tal-Gran Brittanja u biex jiġu kollegati s-sistemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) u l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni")[7] japplika mill-1 ta' Jannar 2021. Flimkien mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ")[8], huwa l-pedament għar-relazzjonijiet bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni") u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit").

(2) Fil-31 ta' Diċembru 2020, meta l-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-Ħruġ intemm, id-dritt tal-Unjoni ma baqax japplika għar-Renju Unit, filwaqt li beda japplika l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq – issa msejjaħ il-Qafas ta' Windsor[9], li huwa parti integrali mill-Ftehim dwar il-Ħruġ.

(3) Mill-1 ta' Jannar 2021, iż-żoni sanitarji u fitosanitarji tal-Unjoni, minn naħa waħda, u tar-Renju Unit, min-naħa l-oħra, huma separati minn xulxin, b'leġiżlazzjoni u politiki separati. Madankollu, ir-regoli sanitarji u fitosanitarji tal-Unjoni u regoli rilevanti oħra japplikaw għar-Renju Unit u fit-territorju tiegħu fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq bis-saħħa tal-Qafas ta' Windsor, u b'hekk l-Irlanda ta' Fuq hija inkluża fiż-żona sanitarja u fitosanitarja tal-Unjoni.

(4) Mill-1 ta' Jannar 2021, l-Unjoni u r-Renju Unit imexxu skemi separati għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ħlief għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, fejn is-sistema tal-Unjoni għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tapplika sa fejn din tkun relatata mas-swieq bl-ingrossa tal-elettriku bl-ingrossa f'konformità mal-Artikolu 9 tal-Qafas ta' Windsor u mal-Anness 4 tiegħu.

---

7 (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10).

8 (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7).

9 Il-Qafas ta' Windsor huwa mod ġdid kif il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, kif emendat bid-Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat Konġunt għall-Ftehim dwar il-Ħruġ, jissejjaħ f'konformità mad-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit (ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87).

(5) Mill-bidu tal-proċess li jwassal għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, l-Unjoni wriet li hija lesta li toħloq żona sanitarja u fitosanitarja komuni mar-Renju Unit fir-rigward tal-Gran Brittanja, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet it-tajba.

(6) L-Artikolu 764 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprevedi li l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima tikkostitwixxi element essenzjali tas-sħubija stabbilita mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u ftehimiet supplimentari futuri.

(7) Skont l-Artikolu 392(6) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, l-Unjoni u r-Renju Unit għandhom iqisu serjament li jikkolegaw is-sistemi tal-ipprezzar tal-karbonju rispettivi tagħhom b'mod li jippreserva l-integrità ta' dawn is-sistemi u jipprevedi l-possibbiltà li tiżdied l-effettività tagħhom.

(8) L-Artikolu 25(1a) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] ("id-Direttiva 2003/87/KE") jipprevedi l-possibbiltà li jiġu konklużi ftehimiet ma' pajjiżi terzi għar-rikonoxximent reċiproku tal-kwoti bejn is-sistemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet.

(9) Id-Direttiva 2003/87/KE tirrikjedi li kwalunkwe sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' pajjiżi terzi bħal din tkun obbligatorja u bbażata fuq limiti assoluti tal-emissjonijiet. Dawn il-kriterji bħalissa huma ssodisfati mis-sistema tar-Renju Unit għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

(10) Skont l-Artikolu 2(4) u (6) tar-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] (ir-"Regolament CBAM"), ir-Regolament CBAM ma japplikax għal merkanzija li toriġina minn pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni kkonkludiet ftehim li jikkollega bis-sħiħ is-sistema tal-Unjoni għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet u s-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' dak il-pajjiż terz u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet rilevanti kollha.

(11) Fis-Summit tagħhom tad-19 ta' Mejju 2025, il-Kummissjoni Ewropea u r-Renju Unit qablu dwar Fehim Komuni li jidentifika l-ħidma lejn żona sanitarja u fitosanitarja komuni u li jikkollega s-sistemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tagħhom bħala prijoritajiet ewlenin. Il-Fehim Komuni jistabbilixxi wkoll qbil politiku ta' sensiela ta' parametri sottostanti għall-ħidma futura dwar il-ftehimiet dwar qasam sanitarju u fitosanitarju komuni u dwar il-kollegament bejn is-sistemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni, filwaqt li jfakkar li ż-żewġ naħat jipproċedu malajr fuq dawn l-impriżi f'konformità mal-proċeduri u l-oqfsa legali rispettivi.

(12) Għaldaqstant jenħtieġ li jinfetħu negozjati bl-għan li jiġu konklużi żewġ ftehimiet ta' sħubija separati mar-Renju Unit: wieħed dwar żona sanitarja u fitosanitarja komuni u ieħor biex jorbot is-sistemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tar-Renju Unit u tal-Unjoni,

---

[10] Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE, ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32–46, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/2024-03-01

[11] Ir-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri, ĠU L 130, 16.5.2023, p. 52–104, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/956/oj

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata li tinnegozja, f'isem l-Unjoni, mar-Renju Unit:

(a) ftehim dwar żona sanitarja u fitosanitarja komuni bejn l-Unjoni u r-Renju Unit fir-rigward tal-Gran Brittanja;

(b) ftehim li jorbot is-sistemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u tar-Renju Unit.

Artikolu 2

Id-direttivi tan-negozjati huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

In-negozjati għandhom jitwettqu b'konsultazzjoni ma' [l-isem tal-kumitat(i) speċjali li għandu jiddaħħal mill-Kunsill].

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President